MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 239/2002/1

**Nicola Balzan f'ismu *proprio* u bħala mandatarju ta' oħtu l-assenti Giuseppina mart Salvatore Sanfilippo kif debitament awtorizzat bi prokura speċjali ta' Casa Balzan, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siġġiewi.**

**-vs-**

**Carmelo Balzan u b'digriet tal-11 ta' Lulju, 2008 l-atti ġew trasfużi fuq Charles Farrugia u Mary Rose Farrugia stante l-mewt tal-istess Carmelo Balzan li seħħet fil-mori tal-kawża; Maria mart Giuseppe Farrugia**

**Il-Qorti;**

Rat ic-ċitazzjoni ppreżentata fil-28 ta' Frar, 2002 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi l-kontendenti huma aħwa, ulied il-mejtin Gosue Balzan u Rosanna Balzan nee Vella li mietu rispettivament fit-2 ta’ Settembru 1998 u fil-11 ta’ Jannar 2000.

Illi l-wirt tal-mejta ġenituri tal-kontendenti ddevolva permezz ta’ testmenti tal-25 ta’ Jannar 1973, tal-25 ta’ Jannar 1978 u tal-21 ta’ Awissu 1984 ilkoll fl-atti tan-Nutar Nicola Said, li kopja tagħhom qed jiġu hawn esebiti u mmarkati bħala dokumenti A, B u C, kif ukoll testment tal-20 ta’ April 1976 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza li kopja tiegħu qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala document D.

Illi d-*decujus* ħallew fost affarijiet oħra l-użu u l-użufrutt in ġenerali ta’ ħwejjiġhom kollha għal tul ħajjithom u nnominaw bħala eredi tagħhom universali lill-uniċi erba’ wliedhom fi kwoti ugwali bejniethom, u cioe` l-kontendenti odjerni, u ħallew b’titolu ta’ prelegat lil binhom il-konvenut Carmelo Balzan id-dar fis-Siġġiewi fi Triq il-Kbira numru mija ħamsa u tletin (135), kif ukoll il-kantina li tagħmel parti mid-dar fis-Siġġiewi bin-numru 147, Triq il-Kbira, Siġġiewi u lil binthom il-konvenuta Maria mart Giuseppe Farrugia d-dar numru 147, Triq il-Kbira, Siġġiewi eċċettwata minn din id-dar l-imsemmija kantina.

Illi b’dawn il-legati d-*decujus* konjuġi Nicola u Rosanna Balzan iddisponew mill-assi tagħhom b’mod illi lledew il-leġittima spettanti lill-atturi mill-wirt tal-mejta ġenituri tagħhom.

Illi l-atturi ma jridux jaċċetaw l-eredita` tal-mejta ġenituri tagħhom Gosue u Rosanna Balzan u jridu jitolbu l-leġittima spettanti lilhom skond il-liġi.

Illi l-atturi għandhom sehem ta’ *dodicesima* parti indiviża kull wieħed mill-eredita` tal-mejta ġenituri tagħhom.

Illi l-atturi ma jridux jibqgħu aktar in komunjoni mal-konvenuti għar-rigward sehemhom tal-leġittima lilhom dovut.

Illi l-assi mobbiljari u mmobbiljari tad-*decujus* Gosue u Rosanna Balzan mhumiex komodament diviżibbli.

Illi l-atturi nterpellaw lill-konvenuti biex jersqu għall-likwidazzjoni tal-leġittima lilhom dovuta pero` baqgħu inadempjenti.

Illi l-eredita` tal-mejta ġenituri Gosue u Rosanna Balzan mhix komodament diviżibbli għall-likwidazzjoni tal-leġittima spettanti lill-atturi.

Jgħidu l-konvenuti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

(1) tiddikjara u tiddeċiedi fuq il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn Gosue u Rosanna Balzan u fuq l-assi tal-mejta ġenituri tal-kontendenti Gosue u Rosanna konjuġi Balzan.

(2) tiddikjara u tiddeċiedi illi l-atturi huma intitolati għall-leġittima dovuta lilhom fuq l-eredita` tal-mejta ġenituri tagħhom Gosue u Rosanna konjuġi Balzan.

(3) tiddikjara u tiddeċiedi illi l-assi ereditarji tal-mejta konjuġi Gosue u Rosanna Balzan għandu jinqasam f'erba' porzjonijiet b'dan illi l-atturi għandhom jieħdu *dodicesima* parti indiviża kull wieħed mill-fuq imsemmija assi bħala sehemhom tal-leġittima waqt li l-konvenuti għandhom jieħdu kull wieħed ħamsa minn kull tnax-il parti indiviża mill-istess assi.

(4) tiddikjara u tiddeċiedi illi l-eredita` tal-mejta konjuġi Balzan mhix komodament diviżibbli ġaladarba li l-atturi għandhom *dodicesima* parti indiviża mill-assi tal-mejta ġenituri tagħhom bħala sehemhom tal-leġittima.

(5) tordna l-bejgħ in liċitazzjoni tal-assi ereditarju tal-mejta konjuġi Balzan biex l-atturi jkunu jistgħu jipperċepixxu l-leġittima dovuta lilhom skond il-liġi konsistenti f'*dodicesima* parti kull wieħed mir-rikavat.

Bl-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Diċembru 2001 u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew bir-rispett illi:

1. Preliminarjament l-eċċepjenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju billi l-atturi mhumiex leġittimi kontradditturi fl-azzjoni proposta minnhom peress li sal-lum għadhom ma rrinunzjawx skond il-liġi għall-wirt spettanti lilhom mingħand il-ġenituri tagħhom.

2. Illi bla preġudizzju għas-sueccepit, sabiex jiġi stabbilit is-sehem li t-testaturi setgħu jiddisponu minnu għandhom jitnaqqsu d-djun inkluż il-prelegat remuneratorju u l-kumpens dovut lill-eċċepjenti għas-serviġi reżi minnhom, u għandhom jidħlu fl-assi ereditarju, id-donazzjonijiet magħmula lill-atturi mit-testaturi.

3. Illi f'kull każ u bla preġudizzju għandhoim jidħlu lura fl-assi ereditarju tat-testaturi biss l-eċċess, jekk ikun il-każ, tal-parti li setgħu jiddisponu minnha f'liema każ il-legatarji (jew prelegatarji) għandhom jedd iħallsu fi flus, jekk ikun il-każ, dak li jkun imiss lill-atturi.

4. Illi *inoltre* d-donazzjonijiet li l-atturi rċevew mingħand it-testaturi għandhom jingħaddu akkont tal-leġittima *talvolta* spettanti lilhom.

5. Illi għalhekk ir-raba` u l-ħames talbiet attriċi huma insostenibbli u għandhom jiġu miċħuda.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kompriż il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-perit legali, u rat ir-rapport tal-perit tekniku l-A.I.C. Alan Saliba (peress li l-perit legali ġiet elevata għall-Maġistratura ma laħqitx lestiet ir-rapport tagħha);

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet u rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2009 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ċar miċ-ċitazzjoni din hija kawża fejn l-atturi qed jitolbu li jiġu assenjati l-leġittima spettanti lilhom mill-wirt tal-konjugi Balzan. Dawn fit-testment tagħhom ħallew lil uliedhom kollha bħala werrieta, iżda l-atturi rrinunzjaw għall-wirt tagħhom (filwaqt li żammewt ferm it-talba tagħhom għall-leġittima – ara fol 54). Tħallew naturalment ukoll il-pre-legati kif imsemmija fiċ-ċitazzjoni illi induċew lill-atturi biex jieħdu din id-deċiżjoni.

Il-konvenuti qed jeċċepixxu illi għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju stante li meta ġiet intavolata l-kawża l-atturi kienu għadhom ma rrinunzjawx għall-wirt. Infatti r-rinunzja saret fil-11 u 12 ta’ Novembru 2003, u kwindi aktar minn sena wara. F’dan ir-rigward pero’ ma hemmx dubju li għandha tiġi applikata d-duttrina tal-jus superveniens u kwindi l-azzjoni illi qabel tkun difettuża tiġi msaħħa. Il-fondament ta’ dan huwa preċiżament l-ekonomija tal-ġudizzju u tal-ispejjeż. (**“Vella vs Dr Galea”** – Vol XXXIII-i- 254). Ara wkoll fir-rigward is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Sede Nferjuri) **“Paul Azzopardi vs Maria Lourdes Sciberras”** – 12 ta’ Frar 1996, u tal-Qorti tal-Kummerċ **“David Clarke nomine vs Dr Marco Griscti nomine”**. Għalhekk din l-eċċezzjoni se tiġi miċħuda, salv id-dovut temperament fil-kap tal-ispejjeż fir-rigward.

Fir-rigward tal-mertu, dawn it-tip ta’ kawżi jippreżentaw dejjem numru ta’ diffikolatajiet legali. L-ewwelnett il-kawża ġiet intavolata qabel, u għalhekk naturalment tirrigwardja ftuħ ta’ wirt li sar qabel, l-emendi fil-liġi tas-suċċessjoni li tirrigwardja partikolarment il-leġittima. Dawn l-emendi ġew fis-seħħ riċentement (2004) u jagħmluha ċara li ma jaffettwawx wirt li nfetaħ qabel dik id-data. Infatti l-artikolu 116 (2) tal-att in kwistjoni (Att Numru XVIII tal-2004) għamilha ċara illi l-artikolu 58 li appuntu emenda l-artikoli 615 u 616 tal-Kodici Ċivili illi jirregolaw kif tinħadem il-leġittima (issa msejħa parti riservata)

kellhom japplikaw dwar suċċessjonijiet li jseħħu wara li l-istess artikoli jinġiebu fis-seħħ. Għalhekk ċertament f'dan il-każ il-liġi applikabbli hija kif kienet dakinhar u allura qabel saru l-emendi.

Apparti s-solitu in-nuqqas ta' qbil dwar l-assi ereditarji, f'din il-kawża l-konvenuti qed jeċċepixxu illi huma rrendew għal perjodu twil serviġi lill-ġenituri tagħhom u illi għandhom jiġu allura kumpensati tagħhom; kif ukoll li għandhom jiġu konsidrati d-donazzjonijet li l-mejtin għamlu lill-atturi stess.

Il-liġi taqsam il-ġid tad-disponenti f'żewġ partijiet, waġda disponibbli u l-oħra le. Il-parti mhux disponibbli tiġi matematikament kalkolata a bażi tal-artikolu 616 u dawk li jsegwu. (**"Cutajar vs Cutajar"** – Prim' Awla, 3 ta' Ottubru 2003). In vista ta' dan l-ewwel ħaġa li għandha ssir hija l-likwidazzjoni sabiex ikun jista' jiġi aċċertat jekk id-decujus bid-dispożizzjoni ta' xi legat eċċediex il-parti disponibbli tal-patrimonju. (**"Maria Wismayer vs Ruggero Wismayer"** – Prim' Awla, 22 ta' Mejju 1950).

Skond l-artikolu 648 biex tinħadem il-leġittima trid tiżdied mal-assi eżistenti fil-mument tal-mewtt, id-donazzjonijiet li jkunu saru mit-testatur, u eżattament fil-każ ta' immobbli l-valur tal-proprjeta' fil-mument tal-mewtt. Dan hu kkonfermat mhux biss mill-artikolu 648 illi jgħid kif ġia' ingħad li jridu jingħaddu d-donazzjonijiet li jkun għamel it-testatur iżda anke min-noti tal-Prof. Caruana Galizia fuq is-suċċessjoni (paġna 1021) fejn jingħad fit-test Ingliż illi:

*"Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The 'legitima portio' is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his deah had he made no donations.*

*The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however msy necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations*

*made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due ... even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights.*

*Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased's estate are added not only those made purely 'animo donandi' but also those made in remuneration for services, or out of gratitude ..."*

Għalhekk kwantu għat-talba attriċi *ai termini* tal-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili billi l-mejtin kellhom erbat itfal, il-leġittima kellha tkun terz tal-assi u għalhekk il-partijiet kellhom id-dritt jipparteċipaw f'dan it-terz. Għalhekk l-atturi jmisshom wieħed minn tnax kull wieħed mis-sehem tal-ġenituri tagħhom kif effettivament qed jitolbu. Għandu jingħad li l-leġittima, skond il-liġi allura viġenti kienet tkun dovuta in-natura, *in piena propieta senza alcun peso od altra condizione*. (Vol. XXXVIII – P II p 116). Din kienet toħloq problema f'dawn it-tip ta' kawżi għaliex tikkontrasta mad-dritt tat-testatur li jħalli l-legati lil min jixtieq, għaliex fil-waqt li l-leġittimarju ma jistax jippretendi li jinjora l-legati, u dawn għandhom jittieħdu biss in konsiderazzjoni biex tiġi kalkolata l-leġittima (ara **"Vella vs Bezzina et"** – Appell, tal-20 ta' Novembru 1998), is-suġġeriment li l-leġittima tiġi sodisfatta b'ammont likwidu flok in-natura huwa kontra l-liġi, *molto piu'* meta ma jirriżultax il-kunsens tal-interessati kollha (**"Sammut vs Refalo"** – Prim' Awla 30 ta' Gunju 1954). L-istess sentenza **"Wismayer vs Wismayer"** fuq ċitata qalet, sakemm id-*decujus* ma jeċċedix il-kwota disponibbli dak il-legat jibqa' jseħħ.

KONSISTENZA TAL-ASSI

Kif ġia ingħad hemm nuqqas ta' qbil sostanzjali fir-rigward tal-konsistenza tal-assi. Dan l-aktar fejn jidħol flus kontanti u deheb u mobbli oħra ta' ċertu valur. Bħas-soltu filwaqt li l-atturi jgħidu li kien hemm ħafna assi mhux dikjarati, il-konvenuti jinsistu li dak dikjarat huwa effetivament il-patrimonju mobbli tal-mejtin. Il-proprjetajiet

immobbli qatt ma joħolqu problema għaliex ma jistgħux jittieħdu u jinħbew.

Fir-rigward tal-immobbli dawn jikkonsistu fil-fond 135, Triq il-Kbira, Siġġiewi stmat mill-perit tekniku li jiswa erbgħa u tmenin elf lira Maltin (Lm84,000); kantina 147, Triq il-Kbira, Siġġiewi stmata li tiswa tliet elef lira Maltin (Lm3,000), u dar 147, Triq il-Kbira, Siġġiewi stmata li tammonta għal sebgħa u għoxrin elf lira Maltin (Lm27,000) – (tnejn u tletin elf lira Maltin (Lm32,000) jekk tkun ikkunsidata kamra mikrija lill-konvenuta Maria Farrugia li ġiet annessa magħha); naturalment pero' din il-kamra ma tifformax parti mill-wirt u kwindi l-Qorti trid toqgħod fuq l-istima mingħajrha. Il-perit tekniku kkonkluda li dawn ma humiex komodament diviżibbli; il-valur komplessiv tagħhom huwa għalhekk mija u erbatax-il elf lira Maltin (Lm114,000).

Kif ingħad, hemm nuqqas ta' qbil notevoli fir-rigward tal-proprjeta mobbli. L-atturi fost affarijiet oħra, jindikaw arloġġ tad-deheb, inġenji tar-raba', gradenza u arloġġ tat-tip ta' San Ġorg, kif ukoll diversi oġġetti tad-deheb u ħaġar prezzjuż. Filwaqt li ma hemm ebda ċaħda da parti tal-konvenuti rigward l-eżiztenza tal-oġġetti msemmija, l-atturi naqsu li jressqu prova tal-valur tagħhom; il-Qorti għalhekk fiċ-ċirkostanzi se tillikwida l-valur ta' dawn l-oġġetti (inklużi wkoll dritt ta' inkwilinat ta' żewġ għelieqi ġewwa s-Siġġiewi li ma ġewx stmati) *arbitrio boni viri* għall-ammont ta' elfejn u ħames mitt lira Maltin (Lm2,500). Għal dawk li huma flus kontanti, l-atturi qegħdin biss jallegaw li kien ħafna flus mingħajr ma jagħtu l-iċken indikazzjoni tal-ammont. Naturalment huwa prinċipju bażilari tal-proċedura tagħna, illi min jallega jrid jipprova u f'dan l-aspett l-atturi naqsu li jagħmlu dan; għalhekk il-Qorti se tieħu bħala ppruvat da parti tal-konvenuti illi l-flus kontanti li ħallew il-mejta kienu kif qal il-konvenut Carmelo Balzan, elf u disa' mitt lira Maltin (Lm1,900) li minnhom tħallsu tmien mitt lira (Lm800) f'funerali; kwindi jibqa' elf u mitt lira Maltin (Lm1,100). Għalhekk il-valur totali tal-assi tal-mejta kienu jammontaw għas-somma ta' mija u sbatax-il elf u sitt mitt lira Maltin (Lm117,600) li jammontaw għal mitejn u tlieta u

sebgħin elf, disa’ mija u erbgħa u tletin Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€273,934.31).

Punt ukoll kontroversjali fil-kawża kien l-ammont ta’ serviġi jekk saru da parti tal-konvenuti. Dawn anke skond is-sentenza imsemmija **“Cutajar vs Cutajar”** għandhom jiġu komputati f’kawża simili. Il-Qorti ma jidhriliex illi hemm wisq dubju li l-konvenuti kienu matul is-snin, il-persuni li waqfu mal-ġenituri tagħhom; dan *del resto* ġie rifless fit-testmenti li dawn tal-aħħar stess għamlu. Carmelo Balzan infatti kien ġuvni u jgħix magħhom filwaqt li l-konvenuta Farrugia kienet toqgħod fl-istess raħal u tieħu ħsieb ċerti bżonnijiet tagħhom, mentri li l-atturi ftit kienu jżuruhom, speċjalment l-attriċi Sanfilippo li tgħix barra minn Malta. Il-Qorti pero’ ma taqbilx ma’ dak li qed jissuġġerixxu l-konvenuti fin-nota tagħhom illi dan jammontaw għas-somma ta’ sebgħin elf Ewro. Dan għal żewġ raġunijiet prinċipali; l-ewwelnett l-istess testaturi ħasbu għal dak li għamlu magħhom u ppremjawhom billi ħallewhom konsiderevolment avvantaġġjati fid-dispożizzjonijiet testamentarji tagħhom *oltre* l-fatt li anke qalbu l-qbiela li kellhom fuq il-konvenut. Hemm ukoll il-fatt li mal-ġenituri tiegħu wieħed għandu d-dover li jara għal bżonnijiet tagħhom meta jikbru fl-eta’, u l-Qorti hija ċerta illi f’ħafna każi dan isir mingħajr ma’ l-ulied jippretendu ħlas; wieħed jista’ jsib sentenzi speċjalment fis-snin l-iktar imgħoddija fejn serviġi ma’ persuni l-iktar għeżież ma kienux preżunti li saru għall- ħlas. Kif ġia’ ingħad imbagħad il-mod kif il-konvenuti ġew ippremjati fit-testmenti juri dawn tħallsu tas-serviġi għaliex filwaqt li huma se jieħdu bejniethom ħamsa minn sitta tal-wirt, l-atturi se jaqsmu bejniethom sest. Fil-fatt anke fit-testment li sar fl-20 ta’ April 1976 meta l-mejta ddisponew legat favur Carmelo Balzan tad-dar fejn kienu joqogħdu, huma għamlu dan bil-kondizzjoni li jibqa’ jieħu kura u ħsieb tat-testatur u martu t-testatrici. Dan jindika li l-imsemmi konvenut kien qed jieħu ħsiebhom imma fl-istess ħin jindika wkoll li huma kienu qed jikkumpensawh ta’ dan permezz tad-dispożizzjoni testamentarja stess. Il-Qorti għalhekk in vista ta’ dan qed tillikwida s-serviġi resi mill-konvenuti bejniethom lill-ġenituri tagħhom għas-somma ta’ tlettax-il elf u ħames mitt Ewro (€13,500).

Fir-rigward tad-donazzjonijiet li setgħu saru ma hemmx wisq x'wieħed jgħid għaliex l-attriċi ppruvat konvinċentement illi l-proprjeta' l-Mellieħa xtratha bi flusha u flus żewġha u għalhekk id-donazzjoni lilha saret in effetti minn missierha li kien biss *prestanome* fin-negozju ġuridiku msemmi. L-attriċi pero' ingħatalha labra tad-deheb li ma ġietx lanqas stmata; il-Qorti se tillikwida l-valur tagħha għal mitt Ewro (€100) li għandu jintaqqas mill-ammont li għandu jigi mogħti lilha bħala leġittima.

Għalhekk l-ammont li fuqha għandha tinħadem il-leġittima huwa mitejn u tlieta u sebgħin elf, disa' mija u erbgħa u tletin Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€273,934.31) nieqes tlettax-il elf u ħames mitt Ewro (€13,500) li jammonta għal mitejn u sittin elf, erba' mija u erbgħa u tletin Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€260,434.31); wieħed minn tnax jammonta għal wieħed u għoxrin elf, seba' mija u tnejn Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€21,702.85). Għalhekk l-attur għandu jieħu din is-somma u l-attriċi wieħed u għoxrin elf, sitt mija u tnejn Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€21,602.85). Fir-rigward tat-talba biex tinbiegħ il-proprjeta', naturalment dan għandu jsir f'każ li din is-somma ma titħallasx qabel mill-konvenuti. Imgħax ma għandux jitħallas billi s-somma pagabbli qed tiġi likwidata permezz tas-sentenza.

Fir-rigward tal-aħħar żewġ talbiet attriċi, il-Qorti fiċ-ċirkostanzi se tordna li jsir il-ħlas tas-somma likwidata bħala leġittima *stante* li ma hemmx neċċessita' li jsir il-bejgħ (għalkemm jista' jingħad li skond il-liġi viġenti fiż-żmien il-ftuħ tas-suċċessjoni in kwistjoni dan kellu jsir għax l-atturi kienu intitolati għal sehem indiviż) u allura jkun ta' ħsara kbira wisq għall-konvenuti u dan mingħajr ma jagħti xi vantaġġ lill-atturi; dan naturalment dejjem jekk il-konvenuti jħallsu l-ammont likwidat u għalhekk il-Qorti se tipprovi wkoll għal possibbilta' li l-ħlas ma jsirx.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attriċi; u tikkundanna l-konvenuti jħallsu s-somma ta' wieħed u għoxrin elf, seba' mija u tnejn Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€21,702.85) lill-attur u wieħed u**

**għoxrin elf, sitt mija u tnejn Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€21,602.85) lill-attriċi bħala leġittima spettanti lilhom; b'dan li l-proprjeta' msemmija għandha biss tinbiegħ (u għall-finijiet tal-liġi l-prezz indikat ikun dak stmat fil-kawża mill-perit tekniku Alan Saliba) jekk il-ħlas imsemmi ma jsirx *entro* tlett xhur mil-lum.**

**L-ispejjeż ikunu sest għall-atturi bejniethom u l-bqija għall-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------